3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-Kunsill kiser id-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti, b'mod partikolari d-drittijiet ta' difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, b'mod partikolari billi naqas milli jipprovdi lir-rikorrenti, qabel ma adotta d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2014/862/PESK u r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1275/2014, l-elementi li hija bbażata fuqhom id-deċiżjoni li isimha jibqa' inkluż u ma jindikax motivazzjoni adegwata.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq li l-inklużjoni tar-rikorrenti tikser fi kwalunkwe każ id-drittijiet fundamentali tagħha u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

(1) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/862/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 346, p. 36).

(2) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1275/2014, tal-1 ta' Diċembru 2014, li jimplimenta l-Artikolu 9(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 346, p. 3).

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2015 – Ir-Repubblika Ellenika vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-112/15)**

(2015/C 171/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: I.-K. Chalkias, G. Kanellopoulos, E. Leftheriotou u A.-E. Vasilopoulou, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, tad-19 ta' Diċembru 2014, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont it-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (notikata bid-Dokument C (2014) 10135) (ĠU L 369, p. 71), fil-parti fejn jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea spejjeż sostnuti fis-settur tal-għajnuna għaż-żoni għas-sena ta' applikazzjoni 2008 u li jikkorrispondu għal: a) 10 % tal-ammont sħiħ tal-ispejjeż sostnuti għall-għajnuna għall-mergħa, b) 5 % tal-ammont sħiħ tal-ispejjeż sostnuti għall-pagamenti akkopjati addizzjonali, ċ) 5 % tal-ammont sħiħ tal-ispejjeż sostnuti fis-settur tal-iżvilupp rurali.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. F'dak li jirrigwarda r-rettifika ta' 10 % imposta fuq iż-żoni ta' mergħa:

   — permezz tal-ewwel motiv għal annullament ir-rikorrenti ssostni interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tad-dispożizzjoni prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 (1), tal-21 ta' April 2004, fir-rigward tad-definizzjoni ta' mergħa, l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

2. F'dak li jirrigwarda r-rettifiki ta' 5 % imposta fuq il-pagamenti akkopjati addizzjonali relatati maż-żoni u fuq il-miżuri ta' żvilupp rurali:

— permezz tat-tieni motiv għal annullament ir-rikorrenti ssostni li r-rettifika finanzjarja ta' 5 % għall-pagamenti akkopjati addizzjonali relatati maż-żoni ġiet imposta abbażi ta' żball ta' fatt, b'motivazzjoni insuffiċjenti u bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità;

— permezz tat-tielet motiv għal annullament ir-rikorrenti ssostni li r-rettifika finanzjarja ta' 5 % prevista għall-għajnuna tat-tieni pilastru ġiet imposta mingħajr ġustifikazzjoni u li, f'kull każ, l-evalwazzjoni mwettqa f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni kienet ibbażata fuq żball ta' fatt u hija manifestament sproporzjonata meta mqabbla mar-riskju għall-miżuri tat-tieni pilastru li hija ssemmi fil-konklużjonijiet tagħha. B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-miżura 214 tal-Programm ta' Żvilupp Rurali, ir-rikorrenti ssostni li r-rettifika imposta hija parzjalment it-tieni waħda konsekuttiva għall-istess oġġett, u għalhekk hija illegali u għandha tiġi annullata.

---

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243)

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2015 – L-Estonja vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-117/15)

(2015/C 171/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentant:Kristi Kraavi-Käerdi)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni Ewropea tat-22 ta' Diċembru 2014 (Ares [2014]4324235), li biha l-Kummissjoni rrifjutat li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/776/KE, dwar l-ammonti li għandhom jiġu imposti għall-kwantitajiet żejda ta' zokkor mhux eliminati [1];

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija kuntrarja għall-Anness IV, Kapitolu 4, Nru 2 tal-Att ta' Adeżjoni [2] flimkien mal-Artikolu 58 tal-Att ta' Adeżjoni.

   — Mis-sentenza Pimix (C-146/11, EU:C:2012:450) tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta b'mod ċar li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/776, bl-adozzjoni tagħha, tmur kontra l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Att ta' Adeżjoni u l-Kummissjoni kellha temendaha. Peress li, bid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrifjutat li temenda d-Deċiżjoni 2006/776, anki d-deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Att ta' Adeżjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

   — Il-Kummissjoni, skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, għandha l-obbligu li tapplika l-atti legali kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Minħabba li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/776 ma kinitx ibbażata fuq is-sentenzi Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-248/07, Ġabra EU:T:2012:170) u Ir-Repubblika tal-Litwanja vs Il-Kummissjoni (T–262/07, Ġabra EU:T:2012:171) tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll Pimix (C-146/11, EU:C:2012:450) tal-Qorti tal-Ġustizzja u ma kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.